MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2008

Numru 12/1996/1

Id-Direttur tal-Kuntratti

vs

Teddy Rapa għan-nom u in Rapprezentanza
ta’ Rapa Brothers Company Limited,
u b’degriet tas-16 ta’ Ottubru, 2003,
Frank Rapa ta’ Flat 2, Government Housing
Estate, Dr. Anton Tabone Street, Victoria, Gozo,
Ġie kjamat fil-kawża, ghan-nom bhala direttur
ieħor, u in rappreżentanza ta’ Rapa brothers
Company Limited.

l-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi b’ittra ta’ aċċettazzjoni numru 510/93 ddatata l-25 ta’ Awissu 1993, il-konvenut nomine kien ikkuntratta illi jforni

blokki ta’ pavimenti għall-Isptar Mentali l-ġdid f’Għawdex, skond Treasury Notice Nru. 275/93 u skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt hemm meħmuż;

Illi l-kuntratt fuq imsemmi ġie abbandunat da parti tal-konvenut nomine wara li kien ġie aċċettat mill-attur nomine;
Illi l-penali u danni dovuti lill-attur konsegwenza ta’ l-abbandun tal-kuntratt da parti tal-konvenut nomine jammontaw għal ħamest elef, disa’ mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm5,975);

Talab lill-konvenut nomine jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut nomine għandu jħallas lill-istanti s-somma ta’ ħamest elef, disa’ mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm5,975) dovuta lill-stanti bħala penali u danni minħabba l-abbandun tal-kuntratt de quo;

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine jħallas lill-attur is-somma ta’ ħamest elef, disa’ mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm5,975) imsemmija aktar ‘il fuq talli abbanduna l-kuntratt li kien ġie minnu nomine aċċettat permezz ta’ l-ittra ta’ aċċettazzjoni numru 510/93.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-2 ta’ Marzu, 1995, kontra l-konvenut nomine li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eċċepixxa illi:

1. l-Impossibilita’ li l-eċċipjenti jesegwixxi l-kuntratt għar-raġunijiet imsemmija fl-ittra tiegħu tat-13 ta’ Jannar 1996 u għalhekk in virtu’ tal-prinċipju sanċit bl-artikolu 1134 tal-Kodiċi Civili huwa ma hu tenut iħallas ebda danni.

2. Illi l-attur qabel xejn irid jipprova kif wasal għal raġuni minnu reklamata biċ-ċitazzjoni bħala figura li tirrappreżenta danni u/jew penali.

3. illi a tenur tal-artikolu 1120 tal-Kodiċi Civili, l-attur ma jistax jitlob il-ħlas ta' penali u danni fl-istess waqt għaliex il-penali hija d-danni u viċe versa f'kuntratt bħalma huwa dak "de quo agitur".

4. Illi fi kwalunkwe każ il-penali li kellha titħallas hija s-somma ta' għaxra fil-mija (10%) tal-valur tal-kuntratt a tenur tal-klawsola numru 22 tal-"General conditions of contracts for the supply of materials and other articles".

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża Frank Rapa nomine li biha eċċepixxa illi:

1. Illi l-eċċipjent nomine bħala kjamat fil-kawża għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li tali nklużjoni hija frivola u vessatorja u ma tagħmel ebda sens legali in vista tal-fatt li s-soċjeta' konvenuta u s-soċjeta kjamata in kawża huma l-istess persuni ġuridiċi;

2. Illi fi kwalunkwe każ iċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-fatti hemm meħmuża li ġew notifikati lis-soċjeta kjamata in kawża hija nulla u bla effett stante li l-okkju fid-dikjarazjzoni tal-fatti tal-attur ma ġiex emendat ai termini tad-digriet tas-16 ta' Ottubru 2003;

3. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal premess it-talbiet ta' l-attur fil-konfront tas-soċjeta' kjamata in kawża huma preskritti u kwindi qatt ma jistgħu jiġu akkolti fil-konfront ta' l-istess soċjeta' kjamata in kawża;

4. Illi s-suġġett mertu ta' dina l-kawża jinvolvi negozju li kien daħal għalih Teddy Rapa di proprio ad

insaputa u mingħajr il-kunsens kemm tas-soċjeta' konvenuta ossia kjamata in kawża, li huma l-istess soċjeta' u kif ukoll ta' frank Rapa di proprio li ma hux parti minn dina l-kawża;

Illi in vista tal-premess għalhekk għandu jirriżulta aktar oportun li Teddy Rapa di proprio jiġi kjamat in kawża biex iwieġeb għall-aġir personali tiegħu fil-konfront ta' l-attur mingħajr l-awtoriżżazzjoni tas-soċjeta' konvenuta ossia kjamata in kawża liema soċjeta' għalhekk qatt ma tista tiġi tenuta twieġeb għall-azzjoni personali esegwita minn wieħed mid-diretturi tagħha li jkun aġixxa ultra vires għal poteri tiegħu;

5. B'riserva li jiġu preżentati eċċezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala' l-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-kontendenti l-oħra kollha jew min minnhom li minn issa qed jiġu nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tagħha tat-18 ta' Gunju 2008 fejn il-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi ta' l-attur u l-konvenut.

Ikkunsidrat:

Din il-kawża tirrigwarda kuntratt ta' appalt mogħti mill-gvern lill-attur nomine. Fiċ-ċitazzjoni tiegħu l-attur qed jitlob is-somma ta ħamest'elef, disa' mija u ħamsa u sebgħin lira maltija (Lm5,975) bħala penali u danni minħabba li allegatament il-konvenut nomine abbanduna l-kuntratt mogħti lilu. Il-konvenut nomine jikkontendi li a tenur ta' l-artiklu 1134 tal-kap. 16 m'għandu jħallas xejn, minħabba l-impossibilita' tiegħu li jesegwixxi dan il-

kuntratt. Jgħid ukoll illi l-attur għandu jispjega kif wasal għaċ-ċifra minnu mitluba, u li dan ma jistax jitlob penali u danni flimkien. Fi kwalunkwe każ isostni li a tenur ta' l-istess kuntratt, il-penali ma setgħetx teċċedi l-għaxra fil-mija tal-valur tal-kuntratt.

Il-kjamat fil-kawża, apparti xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, jeċċepixxi l-preskrizzjoni. Jallega wkoll illi n-negozju *de quo* daħal għalih il-konvenut di proprio, mingħajr ma kien jaf id-direttur l-ieħor u s-soċjeta' konvenuta.

Huwa l-każ li jiġu ttrattati qabel xejn dawn l-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża. Fl-ewwel lok dan jgħid li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi s-soċjeta' konvenuta u dik kjamata fil-kawża huma l-istess persuna. Imma l-liberazzjoni tingħata lil xi ħadd li m'għandux interess ġuridiku, u fil-każ in eżami Frank Rapa ġie kjamat fil-vesti tiegħu tad-direttur l-ieħor tas-soċjeta' konvenuta, pożizzjoni li ma ċaħadx li għandu. Fit-tieni lok jeċċepixxi n-nullita', billi l-okkju tal-kawża ma ġiex emendat biex jirrifletti l-kjamata fil-kawża li kienet saret bid-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 2003. Jirriżulta pero' illi din l-emenda saret. Fit-tielet lok jeċċepixxi l-preskrizzjoni. Ma ġiex pero' indikat għal-liema preskrizzjoni partikolari qed jirreferi l-kjamat fil-kawża, u għalhekk a tenur tal-ġurisprudenza tal-qrati tagħna,[1] din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata. Fir-raba lok jallega li l-konvenut proprio aġixxa ad insaputa tad-direttur l-ieħor u l-istess soċjeta' rappreżentata wkoll minnu, meta nnegozja dan l-appalt. Imma din hija kwistjoni purament interna bejn il-konvenut proprio u l-kjamat fil-kawża proprio li ma tikkonċerna xejn lill-attur, u ġialadarba ma ġiex allegat li l-konvenut Teddy Rapa ma kienx awtoriżżat jidher għan-nom tas-soċjeta' Rapa Brothers Company Limited meta indaħal għal dan l-appalt, din l-eċċezzjoni lanqas ma tista' treġi.

Fil-qosor il-fatti li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti:

[1] Ara Kollez. Vol. XXXIII. pt. i p 481 : Francis Bugeja noe. vs Indria Mercieca : Appell : 29.5.2000 ; u Appell Inferjuri (Għawdex) : Maltacom p.l.c. vs Paul Piscopo : 5.7.2006 .

Il-konvenut nomine kien rebaħ *tender* ta' kuntratt ta' appalt mingħand il-Gvern, rigward il-fornitura ta' 4562 metri kwadri ta' madum tal-konkrit għall-paviment fl-inħawi ta' l-isptar mentali ġdid fir-Rabat, Għawdex. Il-*letter of acceptance* mill-Gvern u d-deskrizzjoni eżatta tax-xogħol, kif ukoll il-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-ftehim, huma esebiti fil-proċess.[2] L-attur jippretendi li, peress li l-konvenut nomine abbanduna l-kuntratt għax sostna li ma setgħax jesegwixxi l-obbligi tiegħu skond il-kundizzjonijiet ta' l-appalt, huwa għandu jħallas id-danni kif stipulati fl-istess kuntratt. Ġara illi ftit wara li l-konvenut nomine beda jissuplixxi dan il-madum, li beda jitqiegħed fil-post mill-ħaddiema tal-gvern, irriżulta mit-*tests* tal-*crushing strength* tal-konkos użat, li dan il-madum ma kienx skond l-ispeċifikazzjonijiet indikati fil-kuntratt ta' appalt.[3] Inġibdet l-attenzjoni tal-konvenut nomine għal tali nuqqas, u dan minn naħa tiegħu pprova jikkonforma ruħu ma' l-ispeċifikazzjonijiet stipulati. Madankollu, wara diversi tentattivi inutili, ddeċieda minn jeddu li jabbanduna l-kuntratt,[4] u l-appalt imbagħad ingħata lil dak li kien għamel it-tieni l-aktar offerta vantaġġjuża, b'tali mod li l-gvern ġie li sofra danni li ġew likwidati mill-perit tiegħu fl-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni, li flimkien mal-penali stipulata fil-kuntratt, kien ilaħħaq is-somma ta' Lm7816.14.[5]

Il-konvenut nomine jikkontendi illi huwa ma abbandunax il-kuntratt ta' appalt mogħti lilu mill-attur b'kapriċċ, imma biss għax kien fl-impossibilita' li jesegwixxi dan l-appalt bl-ispeċifikazzjonijiet stipulati fil-kuntratt. Ġie minnu spjegat kif meta xeħet it-*tender* kien hawn f'Għawdex barriera waħda biss li tissuplixxi żrar (*aggregate*) tajjeb biżżejjed biex jinħadem madum tal-kwalita' meħtieġa mill-attur. Ġara pero' illi l-kumpanija Attard Brothers Limited li soltu kienet tissuplixxi dan iż-żrar lill-kuntratturi kollha f'Għawdex, f'daqqa waħda ddeċidiet li tbiegħ il-produzzjoni tagħha kollha fil-gżira ta' Malta, biex

[2] Minn fol. 19 sa fol. 63 tal-process .
[3] ara Dok. AP 9 a fol. 54 .
[4] ara Dok. AP 11 a fol. 56 .
[5] ara Dok. AP 15 a fol. 62 .

f'Għawdex, bdiet tipprovdi biss żrar ta' kwalita' inferjuri. B'dan iż-żrar, il-konvenut nomine qatt ma seta' jilħaq l-ispeċifikazzjonijiet mitluba mill-attur, u għalhekk, wara li hu flimkien ma' diversi kuntratturi oħra għawdxin ippruvaw inutilment jikkonvinċu lil dan is-*supplier*, anke bl-intervent ta' l-awtoritajiet, biex jerġa' jipprovdihom bi żrar ta' kwalita' tajba, iddecieda li jabbanduna l-appalt.

Il-liġi tagħna ftit li xejn titkellem dwar l-obbligi tal-appaltatur.[6] Ġie pero' stabilit fid-duttrina u fil-ġurisprudenza illi:

"*Le obbligazioni dell'appaltatore in ordine alla esecuzione del contratto di appalto altre sono principali o accessorie.*

*Incominciando dalle prime diremo che le medesime riflettono l'obbligo in lui di eseguire le opere conformemente alla speciale convenzione stipulata, od, in difetto di preciza indicazione di questa, in modo approvabile, di guarantire la solidita' delle opere, di eseguire nel tempo pattuito o in quello congruo da fissarsi, di eseguire coi materiali prescritti, nella quantita' prescritta, nel luogo e colla forma indicati.*

*Le obbligazioni accessorie riflettono l'obbligo di sopportare talune spese e prestazioni accessorie, di rispondere dei propri operai, di rispondere verso i terzi dannegiati nella esecuzione,di rispondere infine per l'inosservanza dei regolamenti e delle leggi speciali, di fare e prestarsi a fare tutto cio' che assicuri la migliore esecuzione delle opere, di subire in taluni casi le clausole penali, le ritenute, la esecuzione di ufficio, specialmente in tema di lavori pubblici."* [7]

L-attur isostni fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu illi huwa kien fl-impossibilita' "relattiva" li jipprovdi *concrete* ta' l-ispeċifikazzjonijiet mitluba mill-awtoritajiet pubbliċi biex jipproduċi l-madum tiegħu, għax żrar tajjeb ma kienx hawn disponibbli fil-gżira ta' Għawdex. Imma fil-każ in

---

[6] art. 1633 - 1643 tal-Kap. 16 .
[7] Marco Vitalevi : Digesto Italiano Vol. III. pte. 2a ; Torino, 1926 # 79 pag. 40 .

eżami, ma nistgħux nitkellmu dwar impossibilita' relattiva, għax din tirreferi aktar għall-kundizzjoni ta' l-appaltatur li forsi ma jkunx attrezzat biżżejjed biex jesegwixxi biċċa xogħol partikolari. F'każ bħal dan, kif jgħid l-istess awtur hawn fuq ċitat:

"*Ove l'impossibilita' di prestar l'opera fosse semplicemente soggettiva e limitata alla persona dell'imprenditore che e' meno abile e capace, la stipulazione conserverebbe tutto il suo effetto…. E ove, per quella relattiva impossibilita', dovesse rimanere ineseguito il contratto, il locatore che si accollo' lavori superiori alle sue forze dovrebbe sottostare verso il committente all'obbligo della rifazione dei danni*."[8]

Jekk tassew il-konkos in kwistjoni ma setgħax isir bl-ispeċifikazzjonijiet stipulati fil-kuntratt, teżisti **impossibilita' assoluta** u mhux waħda relattiva. Imma anke f'dan il-każ, l-appaltatur ma jkunx b'daqshekk liberu li jinterpreta' l-kuntratt kif jidhirlu, imma kif jingħad ukoll mill-istess awtur hawn ċitat:

"*Il contratto e' legge tra le parti: quindi, quando la convenzione determina le modalita'* ***lato sensu*** *della esecuzione dei lavori, non vi e' dubbio che si deve stare alla medesima, salvo il caso in cui la esecuzione si' e come venne nel contratto prevista, si appalesi impossibile ad effetuarsi.*

*Nel case di questa impossibilita' si verifichi, la questione che ne sorge e' essenzialmente di fatto, vale a dire debesi indagare se nella intenzione delle parti sia ammessibile il mantenimento del contratto con surrogarvi modalita' diverse di esecuzione, o se la loro volonta' non ammettendo surrogazione di altre maniere o sistemi, debba cadere il contratto…*

*Intanto si avverta che, anche nel caso in cui l'impossibilita' di esegurie le opere nel modo previsto sussista realmente, tuttavia a fronte del contratto*, *non puo*

[8] op. cit. # 482 pag. 227 .

*l'imprenditore proprio marte arbitrarsi di fare surrogazioni, ma queste deve prima discutere e concordare col committente, perche' ripetiamolo, la* ***lex locationis*** *impone di essere rispettata sia in ordine al luogo in cui deve farsi l'opera, sia in ordine alla forma e disegno, sia in ordine ai materiali pattuiti, sia nella quantita' dei lavori, sia infine nel tempo*."[9]

Fil-każ in eżami rriżulta pero' li ma kien hemm ebda impossibilita', la relattiva u wisq anqas assoluta, għall-konvenut nomine li jesegwixxi l-appalt lilu mogħti skond l-ispeċifikazzjonijiet ikkuntrattati. Dan għaliex sirna nafu li dan l-appalt, wara li ġie abbandunat mill-konvenut nomine ġie mogħti lil kumpanija oħra Blokrete Limited, li rnexxielha tipprovdi madum tal-kwalita' mixtieqa mill-attur. Għalhekk żrar tal-kwalita' meħtieġa seta' bi ftit taħbit u spejjeż jinġieb minn Malta. Evidentement kienu iktar raġunijiet ekonomiċi li żammew lill-konvenut nomine milli jagħmel dan, għax meta ġie biex jitfa' t-*tender* tiegħu. ma setax ħa in konsiderazzjoni li mhux ser isib żrar tajjeb fil-gżira ta' Għawdex, fejn kellu l-fabbrika tiegħu, u li jġib iż-żrar minn Malta kienet ser tfissirlu spiża żejda li ċertament ma kienx ikkalkula. Ħwejjeġ bħal dawn huma pero' riskji tan-negozju li neċessarjament irid jerfa' l-istess imprenditur.

Għaldaqstant din il-Qorti tħoss illi, ġialadabra l-konvenut nomine ma esegwiex l-appalt mogħti lilu skond it-termini tal-kuntratt relattiv, trid tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas is-soċjeta' Rapa Brothers Company Limited, kif rappreżentata minnu u l-kjamat fil-kawża.

L-attur għażel illi jitlob biss id-danni attwalment ikkaġunati b'dan in-nuqqas tal-konvenut nomine. Wara li abbanduna l-appalt, l-attur kellu jinkariga lil ħaddieħor biex jesegwixxi l-appalt minfloku. Ġiet magħżula l-kumpanija Blokrete Limited, li għall-istess materjal talbet Lm5458. Kien hemm ukoll il-kera ta' apparat meħtieġ biex jitqiegħed dan il-madum, ammontanti għal Lm240 u l-ispejjeż żejda għall-ħaddiema biex qalgħu l-madum ħażin li kien ġia tqiegħed

[9] op. cit. # 80 pag. 41 .

f'postu, fis-somma ta' Lm277, b'kollox Lm5975. [10] Dawn l-ammonti ġew imfissra fid-dettal minn Adrian Portelli, in rappreżentanza ta' l-attur, fid-depożizzjoni tiegħu in kontro-eżami,[11] u ma jidhirx li ġew kontestati mill-konvenut jew il-kjamat fil-kawża. In vista tal-fatt li l-attur għażel li ma jitlobx ukoll il-penali stipulata fil-kuntratt, l-eċċezzjonijiet f'dan ir-rigward tal-konvenut nomine ma jibqagħlhom ebda rilevanza.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine u dawk tal-kjamat fil-kawża, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara lill-konvenut nomine u l-kjamat fil-kawża nomine, in rappreżentanza tas-soċjeta' Rapa Brothers Company Limited, responsabbli għall-ħlas ta' ħamest'elef, disa' mija u ħamsa u sebgħin lira maltija (Lm5975), pari llum għal tlettax-il elf disa' mija wieħed u għoxrin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (EUR 13921.75) dovuta lill-attur bħala danni minħabba l-abbandun da parti ta' l-istess soċjeta' tal-kuntratt ta' appalt deskritt fiċ-ċitazzjoni; u

2. tikkundanna lill-istess konvenut nomine u kjamat fil-kawża nomine sabiex iħallsu dan l-ammont lill-attur.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Marzu 1995, u l-imgħaxijiet relattivi b'effett mid-data ta' l-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenut nomine u kjamat fil-kawża nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[10] ara Dok. AP 15 a fol. 62 .
[11] a fol. 64 – 85 .